# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 26 ta' Marzu 2001**

**Avviz. numru 13/00**

**Numru37**

**Simonds Farsons Cisk Plc**

**vs**

**Joseph Coleiro**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' sitt mija u sitta u erbghin liri Maltin u erba u ghoxrin centezmu (Lm646.24) rappresentanti l-bilanc fuq self maghmul lill-konvenut bi ftehim tal-1 ta' Dicembru, 1995 (Dok.A), u dan peress li l-konvenut kiser dan il-ftehim qabel ma skonta is-somma kollha lilu mislufa.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-1 ta' Novembru 1999, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-istess Ittra Ufficjali, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat l-anness Dok A a fol 2 sa 4 tal-atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fit-12 ta' Marzu 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm646.24,0 bl-imghax legali mill-ewwel (1) ta' Novembru 1999 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-1 ta' Novmbru 1999.

Alan Calleja
Dep.Reg